# Kappelli Maltin li jġibu isem San Pietru

*Marouska Bonnici B.A.(Hons)*

San Pietru l-Appostlu, bħala wieħed mill-kolonni tal-Knisja Kattolika ħaqqu devozzjoni sħiħa, xi ħaġa li barra minn pajjiżna niltaqgħu magħha f'bosta postijiet. F'pajjiżna, aktar milli devozzjoni lejn San Pietru Appostlu naraw illi l-Appostlu San Pawl seraqlu iktar ix-xena. Din il-ħaġa naslu nifhmuha minħabba li Sawlu ta' Tarsu huwa wkoll kolonna tal-Knisja, u f'pajjiżna kien hu li ġabilna d-Dawl tat-Twemmin Nisrani. Imma San Pietru jibqa' l-ewwel Kap Viżibbli tal-Knisja Kattolika Rumana, kif wara kollox stqarr l-Isqof Mauro Caruana meta ddikkjara l-bidla fit-titular. F'Malta, missirijietna, imqanqlin mill-imħabba lejn San Pietru Appostlu wkoll fittxew ismijiet oħra li jġibu isem San Pietru u ddedikaw kappelli u altari li jqimu xi San Pietru jew ieħor.



Il-Vara titular ta' San Pietru quddiem il-Knisja Parrokjali ta' San Pietru ġewwa Birżebbuġa

Fin-Nadur Għawdex hemm il-Bażilika Parrokkjali u Arċipretali ta' San Pietru u San Pawl; bażilika mill-isbaħ u li fiha kull min jidħol jintlaqat mid-devozzjoni kbira li n-Nadurin għandhom lejn iż-żewġ Prinċpijiet tal-Appostli. Id-devozzjoni hija antika ferm, fil-fatt, fejn illum hemm il-Bażilika Parrokkjali u Arċipretali, fis-Seklu 18 kien hemm diġà maqdes illi jqim lil dawn iż-żewġ kolonni tal-Knisja Kattolika. Mhux l-istess jista' jingħad għal Malta. Kellu jasal is-Seklu 20 sabiex ikollna parroċċa ddedikata lil San Pietru Appostlu, u din kellha tkun il-parroċċa pittoreska ta' Birżebbuġa. Kif tafu iktar minni, mhux kulħadd aċċetta l-bidla fit-titlu, għax id-deċiżjoni kienet aktar imposta milli magħżula mill-parruċċani li jinbidel it-titular.




Madanakollu, missirijietna ma kienux kuntenti li jkun hawn żewġ knejjes biss iddedikati lil San Pietru, u għaldaqstant insibu diversi kappelli li jqimu t-titlu ta' San Pietru, uħud lil San Pietru Appostlu, oħrajn lil xi San Pietru ieħor. Uħud minn dawn il-kappelli huma antiki ferm. Dan jixhed devozzjoni antika u għalhekk b'għeruq storiċi fi gżiritna. B'kollox hawn ħames kappelli li nafu bihom bl-isem ta' San Pietru, filwaqt illi f'Għawdex ma hemm dokumentat imkien li hemm xi kappella li ġġib l-isem ta' San Pietru. Tajjeb li wieħed jinnota li l-kappelli li jġibu l-isem ta' San Pietru ma jinstabux fuq naħa waħda ta' Malta biss, iżda jinsabu mifruxin mal-gżira Maltija, u għalhekk minbarra d-devozzjoni antika, dan juri li d-devozzjoni hija mxerrda.

**Il-Kappella ta' San Pietru ġewwa Marsaxlokk**

Fir-raħal pittoresk ġar tagħna, Marsaxlokk insibu kappella bl-isem ta' San Pietru. Hija ġuspatronat. Din il-kappella hija ddedikata lil San Pietru Martri Dumnikan. Għalkemm mhix iddedikata lil San Pietru l-Appostlu, xorta ġġib l-isem ta' "Pietru", u għalhekk għażilt li nniżżilha f'dan l-artiklu. Il-kappella nbniet minn Dun Pietru Busuttil maġenb id-dar tiegħu. Hija mibnija fuq disinn ta' Wenzu Gafa` u tbierket fl-1862. Wara kompliet titkabbar fuq disinn tal-arkitett Dr. Nikola Zammit.

**Il-Kappella ta' San Pietru Appostlu f'Ħal Qormi**

Kappella oħra li ser nitkellem dwarha hija dik li tinsab ġewwa raħal twelidi f'Ħal Qormi, naturalment fil-parroċċa Ġorġjana. Din il-kappella tinsab fil-qalba tar-raħal tradizzjonali u nbniet fis-seklu Ħmistax. Din ma tinsabx 'il bogħod minn żewġ kappelli oħra; dik ta' Santa Marija ta' Qrejċa u dik ta' Santa Katarina Verġni u Martri. Fis-sena 1656, l-Isqof



*Kappella San Pietru - Qormi*

Camarosa, fi żjara f'Ħal Qormi kien sab il-kappella fi stat ħażin ħafna għalhekk kien għalaqha. Illum il-ġurnata, il-kappella tinsab restawrata, inkluż il-Kwadru Titulari li juri l-Martirju ta' San Pietru Appostlu u tintuża għall-Adorazzjoni Perpetwa. Aktar dettall dwar din il-kappella jista' jinstab f'artiklu li kien inkiteb minn Christopher Bonnici fuq din il-pubblikazzjoni, fis-sena 2012.

**Il-Kappella ta' San Pietru Appostlu u San Benedittu fl-Mdina**

Jekk nibqgħu tilgħin ftit 'il fuq minn Ħal Qormi nsibu ruħna ġewwa l-Belt Kapitali l-Antika, il-Belt Siekta. F'din il-belt ukoll insibu mkien iddedikat lill-Appostlu tagħna. Fil-fatt, hemm żewġ imkejjen iddedikati lil dan il-qaddis kbir. Il-Kappella ta' San Pietru fil-Ktajjen inbniet fl-1625 b'fondi rregalati mill-Isqof Cubelles. Din il-kappella tinsab fi Triq San Pietru u hija mmexija mis-sorijiet Benedittini. Il-pittura tal-altar maġġur turi lil San Pietru, San Benedittu u lil Santa Skolastika, u hija xogħol tal-pittur ta' fama internazzjonali Mattia Preti. Barra minn din il-knisja, fi Triq Villegagion insibu l-monasteru ta' San Pietru. Din il-binja hija antika ħafna u oriġinarjament kienet sptar, iżda mbagħad fl-1418, din inbidlet f'monasteru. Fis-sena 1625, din ġiet irrestawrata b'ordni tal-Isqof Cagliaris. Fatt marbut ma' dan il-monasteru huwa li fih kienet tgħix il-Beata Adeodata Pisani. Magħquda ma' dan il-monasteru nsibu l-kappella ta' San Pietru u San Benedittu li tinsab hekk kif tibda dieħel l-Imdina. Fl-1575, Monsinjur Pietro Dusina żar din il-kappella. Il-kappella kif nafuha llum inbniet fl-1625 u l-arkitett tagħha huwa Tumas Dingli.



*Il-kappella ta' San Pietru u San Benedittu fl-Imdina*

**Il Kappella ta' San Pietru ġewwa Ħal Lija**

F'raħal is-Salvatur ukoll insibu kappella ddedikata lil San Pietru u tappartjeni lill-patrijiet Dumnikani. Quddiem din il-kappella tinsab tiddomina statwa sabiħa ta' San Pawl Appostlu li nħadmet mill-iskultur Salvu Dimech.

Din il-kappella nbiet fl 1728 minflok dik illi kien hemm qabilha. L-istorja turi li fis-seklu Sittax, f'Ħal Lija kienet diġà teżisti knisja f'ġieħ San Pietru. Fl-1575, Monsinjur Dusina żar dan ir-raħal u ra din il-knisja li dak iż-żmien kien jieħu ħsiebha Theramus Vassallo. Fis-sena 1615 l-Isqof Cagliares żar din il-kappella u nnota li din il-kappella kienet żdingata, tant illi ddeċieda li jipprofanaha. Iżda maż-żmien, Dun Żakkarija Sammut irranġaha mill-ġdid u reġa' fetaħha.



*Il-kappella ta' San Pietru f'Ħal Lija*

**Konklużjoni**

F'dan l-artiklu tajt ħarsa fuq fuq lejn kappelli li jġibu l-isem ta' San Pietru. Nittama li dan l-artiklu jgħin biex inkabbru d-devozzjoni taghna lejn dan il-qaddis kbir, San Pietru. Hija ħasra li ma hemm xejn dokumentat li fil-gżira Għawdwxija hemm xi kappella ddedikata lil San Pietru. Minn qalbi nixtieq nawgura l-festa tajba lill-Birżebbuġjani kollha, u lil kull min għandu devozzjoni lejn dan il-qadddis kbir, l-Ewwel Kap tal-Knisja Kattolika.